Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Diċembru 2024

Ħarġa Nru 44



Ħbieb il-Kappelli Maltin

***PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta***

*e-mail:* ***hbiebkappellimaltin@gmail.com***

***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

# EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Wasalna fl-aħħar xahar tas-sena, u fi tmiemha naslu bl-aħħar attività għal din is-sena. Kienet sena impenjattiva għall-Kumitat sabiex organizza attività kull xahar. Żorna diversi kappelli fil-lokalitajiet taż-Żejtun, L-Imqabba, L-Isla, Ħaż-Żabbar, Għawdex, il-Mellieħa, is-Siġġiewi u dan ix-xahar se nduru kappelli fil-Birgu.

Il-preżenza numeruża tagħkom kienet determinanti biex il-Kumitat ħadem u stinka biex setgħa jorganizza ż-żjarat minkejja l-ostakli li dejjem qed insibu sabiex jiftħulna l-kappelli. Imma l-Kumitat hu determinat li jkompli jaħdem biex is-sena d-dieħla nkomplu bl-attivitajiet tagħna kull xahar.

Dan ix-xahar jaħbat ukoll il-Milied imqaddes, it-Twelid ta' Ġesu. Il-Kumitat iħeġġiġkom sabiex tattendu l-attivitajiet li jiġu organizzati madwar Malta u Għawdex u żżuru l-ħafna esibizzjonijiet mtella' b'rabta mal-Milied. Huwa żmien sabiħ li jġib ferħ, hena u kuntentizza fost il-familji. Ma nħallux li l-festi tal-Milied jkunu biss żmien u ġranet ta' xalar u xiri ta' rigali materjalistiċi, imma nżommu s-sens tal-Milied religjuż. B'hekk nibqgħu nżommu ħaj it-tradizzjoni tal-Milied Malti.

NAWGURALKOM F'ISEM IL-KUMITAT IL-MILIED HIENI U MQADDES.

Aktar tagħrif dwar il-kappelli li se nżuru fil-Birgu issibuhom fiċ-ċirkolari li rċevejtu flimkien ma' dan il-Fuljett.

Narawkom il-Birgu

*N. Gingell*



**Kumitat 2024-2025**

**President**
Rita Buhagiar

**Viċi-President**
Miriam Schembri

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Norbert Gingell

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Amministratur Facebook**
Owen Caruana

**Membru**
Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Knisja tal-Madonna ta' Ċwerra, Is-Siggiewi

Ritratt: Norbert Gingell

# Knisja tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Gwann Għammiedi

# Is-Siggiewi



Il-faċċata Knisja tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Gwann Għammiedi

Din il-knisja hija magħrufa bħala il-knisja ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann Battista. Inbniet fl-1730 fl-istess post fejn qabel kien hemm knisja oħra. Din il-knisja nbniet bil-ġenerożita ta' Fra Antonio Cutajar, li kien Kappillan Konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann, fi żmien il-Gran Mastru Manoel de Vilhena. Il-fundatur iddedika din il-knisja lil patrun tal-Ordni, San Ġwann il-Battista, taħt id-devozzjoni partikulari tal-Qtugħ ir-Ras.

Jidher li Fra Antonio Cutajar kien ġej minn familja sinjura għall-fatt li ħa ħsieb li l-knisja tkun armata bl-isbaħ opri. Huwa mhux biss bena l-knisja iżda ħallielha renti sabiex il-knisja tkun tista' tibqa' tiffunzjona anke wara mewtu. Huwa ried li l-knisja jkollha r-Rettur tagħha. Ried ukoll li ta' kull sena f'din il-knisja tiġi ċelebrata l-festa tal-martirju ta' San Ġwann il-Battista.

Dun Anton bena wkoll xi kmamar, fuq kull naħa tal-knisja. Naħa waħda kienet għall-użu tar-Rettur tal-knisja u n-naħa l-oħra biex tintuża bħala sptar mill-patrijiet Kapuċċini. Wieħed irid jgħid li fit-tieni gwerra dinjija (1940 – 43) għadd ta' patrijiet Kapuċċini, l-aktar mill-Kunvent tagħhom ta' Santa Liberata fil-Kalkara, ġew għall-kenn f'din il-knisja bħala refuġjati fis-Siġġiewi. Dawn kienu ta' ġid kbir spiritwali għall-poplu tal-Parroċċa tas-Siġġiewi fejn kienu ġew joqgħodu eluf ta' refuġjati.

Jekk wieħed iħares lejn l-istruttura tal-knisja jara li hija mibnija għamla ta' rotunda, u hija mżejna fl-istil tipiku



Il-knisja minn ġewwa

tal-barokk b'ħafna tinqix fil-ġebla. Il-knisja għandha bieb ċentrali u kampnar żgħir fin-nofs tal- faċċata u li fih insibu qanpiena żgħira. Fuq barra jidher ukoll is-salib tat-tmien ponot, simbolu tal-Ordni ta' San Ġwann.



Prospettiva tal-knisja u l-artal

Fil-knisja naraw tliet altari u għadd ta' kwadri. Il-kwadru titulari f'forma ovali jirrapprezenta l-martirju jew Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann il-Battista u huwa xogħol ta' Francesco Zahra (1710 – 1773) (għalkemm il-Professur Keith Sciberras jattribwieh lil Gian Nikol Buhagiar). Għalkemm il-figura prinċipali tibqa' dik ta' San Ġwann il-Battista, f'dan il-kwadru naraw ukoll lil Salomé u lil ommha Erodiade bil-platt f'idejha lesta biex tilqa' fih ir-ras tal-Battista. Ma' dawn iż-żewġ nisa wieħed jista' josserva żewġ uffiċjali tas-sultan Erodi li qed jassistu għal dan il-qtil, filwaqt li minn tieqa tan-naħa tal-lemin, jidhru xi ħabsin oħra li qegħdin jaraw dan kollu. Hija pittura sabiħa li fuqha naraw ukoll is- silta mill-Vanġelu ta' San Mattew li tgħid 'Qatgħu ras Ġwanni fil-Ħabs'.

Din il-pittura hija mqegħda f'nofs prospettiva tal-ġebel li tikkonsisti f'pavaljun kbir il-wisa' tal-knisja u dan jidher miżmum minn kuruna. F'din il-prospettiva naraw bosta dettalji oħra maħduma fil-ġebel bħal m'hi l-frenża u ż-żigarelli kollox skolpit fil-ġebel . Din hi prospettiva ta' stil uniku.

Fil-kappella b'kollox insibu tnax-il kwadru. Fuq l-altar tax-xellug naraw pittura kbira tal-Immakulata Kunċizzjoni. Jingħad li hi xogħol ta' pittur Malti tas-seklu tmintax. Fuq dan il-kwadru naraw il-kitba li tfaħħar lil Marija għas-sbuħija tagħha u li twieldet mingħajr id-dnub oriġinali. F'dan il-kwadru naraw bosta anġli jżommu f'idejhom is-simboli li jissemmew fil-litanija tal-Madonna; Il-Madonna bħala Sultana, il-Madonna bħala torri tal-Avorju, il-Madonna bħala d-Dar tad-Deheb u l-Madonna bħala Mera tal-qdusija.




Kwadru titular li juri l-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann

Fil-kwadru tal-altar tan-naħa l-oħra naraw lill-Madonna qegħda tagħti lil Binha Ġesù lil San Gejtanu. Dan jidher għarkobbtejh jilqa' lill-Bambin u bil-ġilju u l-ktieb fir-rokna tax-xellug. Fir-rokna ta' fuq, fin-naha

tal-lemin naraw il-figura ta' San Ġuzepp. Jingħad ukoll li kwadru hu xogħol Malti tas-seklu tmintax.

Fuq il-bieb prinċipali naraw kitba oħra bil-Latin b'rabta ma' San Ġwann li tgħid 'Ismu jkun Ġwanni' filwaqt li fil-għoli naraw pittura li tirrappreżenta l-viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Elizabetta. F'din il-pittura naraw ukoll il-figuri ta' San Ġuzepp u Zakkarija. Fil-għoli naraw żewġ anġli jġorru kitba meħudha mill-ewwel vers tal-Magnificat li tenniet il-Madonna meta żaret lil qaribha Elizabetta 'Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej'.

Fil-lunetti ta' taħt naraw erba' pitturi b'rabta mall-ħajja tal-Battista: It-tħabbira tat-twelid tiegħu lil missieru Zakkarija; Il-predikazzjoni tiegħu fid-desert; Iż-żifna ta' Salomè quddiem Erodi waqt l-ikla; San Ġwann fil-ħabs wara l-arrest minn Erodi.

Taħt dawn l-erba' lunetti naraw erba' pitturi oħra b'rabta ma' dan il-qaddis. Dawn huma: it-twelid tiegħu lil Santa Eliżabetta; Il-magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan minn San Ġwann il-Battista; Il-ġrajja ta' Erodiade (San Ġwann iċanfar lil Erodi); u San Ġwann fi triqtu lejn il-martirju.

Uħud minn dawn il-kwadri gew restawrati fl-1989. Dawn il-pitturi, apparti l-valur artistiku, huma xhieda kemm minn dejjem din il-knisja kienet miżmuma tajjeb u kemm kienet għal qalb in-nies li ħadu ħsiebha.

Jekk wieħed inħares lejn ir-rokna tal-lemin malli tidhol fil-knisja, jara monument żgħir li jfakkar lill-Gran Mastru Ferdinad Hompesch, li b'ismu huwa magħruf Is-Siġġiewi - Citta' Ferdinand. Insibu ukoll statwa ta' San Gwann il-Battista.

F'nofs il-paviment naraw tliet lapidi tal-irħam fuq tliet oqbra. Dak tan-nofs hu tal-fundatur Fra Anotonio Cutajar li miet fl-1738, u naraw wkoll dawk ta' żewġ retturi oħra; Dun Nikol Azzopardi u ta' Dun Ġwann.

Matul iż-żmien, il-knisja ta' San Ġwann il-Battista sarulha diversi interventi ta' restawr. Illum il-knisja tinsab f'kundizzjoni tajba u qiegħda tintuża bħala kappella tal-Adorazzjoni tal- Ewkaristija u tkun miftuħa l-ġurnata kollha. Il-kmamar tal-gnub qed jintużaw minn għaqdiet Siġġiwin u jintużaw ukoll għal xi attivitajiet u wirjiet matul is-sena.

*Kitba: Joseph Mary Pace*

*Ritratti: N Gingell*



Monument żgħir li jfakkar lill-Gran Mastru Ferdinand Hompesch

# Kappella Santa Margerita
# Is-Siggiewi



Il-faċċata tal-kappella ta’ Santa Margerita

Dak li naraw illum huwa dak li fadal meta wara t-Tieni Gwerra Dinjija, fl-1950, il-kappella nħattet biex titwessa' t-triq u nbniet faċċata ġdida li kważi tmiss mal-artal. inżamm biss il-kampnar eleganti li kellha.

Il-kappella kienet diġa teżisti meta żarha Mons. Dusina fl-1575. Kien sab fiha ikona tal-qaddisa, iżda b'art mhux sura, mingħajr rettur u nuqqasijiet oħra. Ċertu Bernard Cassar li kellu għalqa f'Tal-Ħandaq kien obbligat biex iħallas għall-vespri u l-quddiesa tal-festa.

Reġgħet inbniet mill-ġdid fl-1707 minn Pietru Tanti li ħareġ il-flus għal bini tagħha. Il-pjanta tal-kappella kienet waħda ċirkolari u koppla. Il-kwadru titulari juri l-Madonna flimkien ma' Santa Margerita u San Nikola ta' Bari. Jidher ukoll dragun f'kampanja sabiħa. Profs Keith Sceberras, storiku tal-Arti, jattribwixxi dan il-kwadru lil Pasquale Buhagiar. Qabel kienu jgħidu li kien ta’ Francesco Zahra.



Il- Madonna flimkien ma' Santa Margerita u San Nikola ta' Bari.

Madwar il-kwadru titulari hemm reredos skolpit fil-ġebel b'erba' puttini, weraq tal-ħannewija (acanthus) u girlandi tal-fjuri. L-altar għandu predella ndurata.

Din il-kappella għandha bżonn ta' restawr kemm minn ġewwa u kif ukoll fil-faċċata.

*Kitba ta’ Anthony M Brincat*

*Ritratti : N Gingell u Mario Micallef*

# Il-Knisja tal-Madonna ta' Ċwerra Is-Siggiewi

Il-knisja ta' Santa Maria Ta' Ċwerra tinsab fil-pjazza tas-Siġġiewi. Sfortunatament illum mhux possibbli li wieħed jidħol ġo fiha. Din il-knisja li hija ddedikata lil Marija Santissima Mtellgħa s-Sema.

Monsinjur Dusina, meta fit-2 ta' Frar 1575 żar il-parroċċa tas-Siġġiewi, jgħid li fejn illum tinsab din il-knisja, kien hemm tliet kappelli ħdejn xulxin. Dawn kienu ddedikati lit-Twelid tal-Madonna, lil San Mattew u lil Santa Katerina.

Dawn it-tliet kappelli kien twaqqgħu u nbniet waħda biss iddedikata lil Santa Marija. Għalhekk il- knisja oriġinali nbniet fil-1611 minn fondi ta' ċerta Lawrenza Pace, li kienet devota kbira tal-Madonna. Wara xi snin fi stat ħażin, fl-1736 l-Isqof Alpheran De Bussan iddeċieda li ma jibqgħux isiru aktar servizzi reliġjużi fiha.

Ftit tax-xhur wara, il-Patrijiet Dumnikani, li jmexxu l-knisja tal-Lunzjata tal-Birgu, bdew jaħdmu biex tinbena knisja oħra. Fid-9 ta' Awwissu 1737, il-Pirjol kiteb lill-Gran Mastru Ramon Despuig, fejn talab biex terġa' tinbena l-knisja mill-ġdid u għal dan il-għan tingħata biċċa art pubblika biex tkun akbar milli kienet. Din it-talba ġiet milqugħa.



L-altar ewlieni tal-kinisja taċ-Ċwerra

Sar ukoll rikors lill-Isqof, fejn intalab biex terġa' tinbena l-knisja. Ir-rikors ġie milqugħ. Il-knisja għalhekk reġgħet inbniet mill-beni tal-legat tal-familja Pace mill-Birgu, li kellha l-laqam ta' Chuerra. Għalhekk din il-knisja saret magħrufa bħala ta' Santa Marija Ta' Cwerra.

L-Isqof De Bussan jiddokumenta li din il-kappella reġgħet inbniet fl-1742 u għaliha ħallsu mhux biss il- Patrijiet Dumnikani, imma anki diversi Siġġiwin.

Il-knisja għandha forma kważi kwadra minn naħa ta' barra. Is-saqaf tal-knisja hu wieħed ċatt u fuqu hemm mibnija il-koppla u l-lanterna. Fuq il-lanterna, fuq bażi forma ta' boċċa, hemm salib Latin.

Fuq in-naħa ta' wara tal-kappella, fuq ix-xellug, hemm kampnar żgħir u qanpiena żgħira. Minn ġewwa l-knisja hija tonda u hija sinjura ħafna fl-iskultura.

Fil-kwadru titulari nsibu lil Madonna li qiegħda fuq is-sħab imdawra b'ħafna anġli. Fil-parti ta' isfel tal-pittura jidher qabar vojt b'liżar fil-ġenb.



Kwadru tal-Marija Immakulata



Kwadru titular ta' Maria Assunta

Fil-kappella, fi gwarniċi tal-ġebel, skulturati sabiħ ħafna, insibu kwadru tal-Madonna b'Ġesù tarbija f'idejha ħdejn Sant'Anna u fuq in-naħa ta' wara San Ġwakkin, kif ukoll San Ġużepp.

Pittura oħra hija tal-Immakulata Kunċizzjoni mdawra bis-sħab u xi anġli. Fejn saqajn il-Madonna hemm serp bit-tuffieħa f'ħalqu li jssimbolizza d-dnub oriġinali.

Interessanti l-fatt li matul it-tieni gwerra dinjija, żewġ familji refuġjati mill-Kottonera (waħda minn Bormla u l-oħra mill-Isla), kienu jgħixu f'din il-knisja.

Fatt ieħor interessanti hu li meta tlestiet il-vara tal-Madonna tar-Rużarju fil-parroċċa tas-Siġġiewi minn Mariano Girada (li din is-sena sarilha restawr professjonali), nhar it-13 t'Ottubru 1805, saret translazzjoni tagħha mill-knisja ta' Santa Marija Ta' Ċwerra għall-knisja parrokkjali.



Kwadru tal-Madonna bil-Bambin ma' Sant Anna,
San Ġwakkin u San Ġużepp

Għal xi żmien kienet ukoll issir it-translazzjoni tar-relikwa ta' San Nikola minn din il-knisja ta' Ċwerra jew mill-knisja ta' San Ġwann il-Battista. Illum it-translazzjoni qiegħda ssir mill-knisja ta' Santa Margerita.

Matul iż-żmien saru diversi interventi ta' restawr fuq din il-knisja fosthom wieħed li sar fl-2005. F'dawn l-aħħar snin inbeda xogħol ta' restawr ieħor fuq din il-knisja, però jidher li ser jieħu fit-tul. L-iscafolding li naraw huwa ta' prevenzjoni għall-periklu minħabba li jistgħu jaqgħu xi ġebel immermer minn fuq il-knisja, billi hemm partijiet minnha li huma deterjorati sew.

*Kitba: Joseph Mary Pace*
*Ritratti: N Gingell*

# Kappella San Mark
# Is-Siggiewi



Il-kappella ta’ San Mark minn barra

Il-kappella medjevali ta’ San Mark, fil-villaġġ li kien jissejjaħ Haramija, kienet twaqqet u ġiet mibnija mill-ġdid fl-1618 minflok oħra aktar bikrija li fl-1575 kien żarha Mons. Dusina li kien sabha mingħajr bibien u b'saqaf li kien jagħmel l-ilma. Huwa ordna li ma jsirux aktar servizzi liturġiċi fiha.

Il-kappella għandha pjanta rettangulari daqxejn imdaqqsa, b'artal wieħed li jinsab f'daħla dejqa u b'saqaf troll jistrieħ fuq ħames ħnejjiet.

Il-kwadru titulari juri l-Madonna flimkien ma' San Mark, l-Anġlu Kustodju u San Franġisk t'Assisi, il-qaddis ta' Franġisku Mamo li bi flusu nbniet il-kappella. Dan huwa mdawwar bi gwarniċa tal-ġebel.

Il-faċċata għandha żewġ pilastri kbar Doriċi fil-kantunieri u li fuqhom hemm żewġ boċoċ tal-ġebel forma ta' qaqoċċa. Bejniethom hemm frontispizju bi gwarniċa u fuq nett kampnar żgħir. Il-bieb huwa ta' stil rinaxximentali. Huwa tond u mġenneb b'pilastri Doriċi li fuqhom hemm entablatura li terfa' pediment triangolari maqsum u li fih hemm tieqa tonda.

Il-festa ta’ San Mark tinżamm fil-25 t’ April. Il-kappella hija miżmuma tajjeb ħafna.

*Kitba ta’ Anthony M Brincat*

*Ritratti: N Gingell*



It-titular ta’ San Mark